MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tal-11 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 2707/1999/1

**L-Avukat Dottor Deborah Huber bhala mandatarja tas-socjeta' estera Dahlhaus GmbH**

**vs**

**Medcast Foundry Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attrici nomine ppremettiet:-

Illi s-socjeta' konvenuta tinsab debitrici tal-attrici nomine fis-somma ta' 15,000 Deutsch Marks ekwivalenti ghal cirka tlett elef, mitejn u sittin lira maltin (Lm3260) ammont dovut rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju taghha u dana kif jirrizulta minn kambjali

iffirmati u accettati mis-socjeta’ konvenuta u hawn annessi (Dokument B) u mill-ittra datata 25 ta’ Novembru 1998 hawn annessa (Dokument C).

Illi nonostante interpellata, anke’ permezz ta’ ittra ufflcjali datata 7 ta’ Settembru 1999 u lilha debitament notifikata fit-13 ta’ Settembru 1999, is-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

Illi, kif jirrizulta mill-affidavit hawn anness bhala Dokument A, jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi, a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) billi l-kreditu tal-attrici nomine huwa cert, likwidu u dovut u, fil-fehma tal-istess attrici nomine, s-socjeta’ konvenuta m’ghandha ebda raguni jew eccezzjoni valida kontra t-talba tal-attrici nomine ghall-hlas tas-somma dovuta.

Ghalhekk l-attrici nomine tablet, ghar-ragunijiet premessi u b’dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Clvili (Kap 12) li s-socjeta’ konvenuta tigi kundannata thallas lill-attrici nomine s-somma ta’ 15,000 Deutsch Marks ekwivalenti ghal cirka tleft elef, mitejn u sittin lira maltin (Lm3260) ammont dovut rapprezentanti l-prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta’ konvenuta fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju taghha.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta’ Settembru 1999 u tal-mandat kawtelatorju ta’ qbid u ta’ sekwestru pprezentati kontestwalment, u bl-imghaxijiet legali b’effett mid-data tal-kambjali relattivi sal-effettiv pagament kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat l-affidavit tal-attrici nomine li gie anness mac-citazzjoni.

Rat id-dikriet taghha tat-13 ta’ Jannar 2000 li bih s-socjeta konvenuta giet ammessa tippresenta n-nota ta’ eccezzjonijiet taghha.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn gie eccepit:-

Illi preliminarjament l-attrici trid tesebixxi d-dokument li bis-sahha tieghu qed tirrappresenta s-socjeta estera bhala l-mandatarja taghha.

Illi fil-mertu u bla pregudizzju s-socjeta konvenuta m’ ghandha taghti xejn lis-socjeta attrici izda hija s-socjeta estera li ghandha taghti lis-socjeta konvenuta kif ser jigi ampjament ippruvat waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat id-dikriet taghha tal-15 ta’ Mejju 2000 li bih gie ordnat li l-provi jigu invertiti.

Semghet lix-xhud Maurice Vassallo prodott mis-socjeta’ konvenuta.

Rat l-ewwel u t-tieni affidavit ta’ Monika Dahlhaus presentati mill-attrici nomine.

Semghet lix-xhud Martin Mangion prodott mis-socjeta’ konvenuta.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta’ konvenuta.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet responsiva tal-attrici nomine.

Rat l-atti l-ohra kollha u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

L-attrici ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera Dahlhaus GmBh qed titlob li s-socjeta' konvenuta tigi kundannata thallas is-somma ta' 15,000 Deutsch Marks ekwivalenti għal cirka tliet elef, mitejn u sittin lira Maltin (Lm3260) rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-soċjetà konvenuta fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-istess socjeta' konvenuta kif jirrizulta ukoll minn kambjali iffirmati u accettati mis-soċjetà konvenuta u minn ittra datata 25 ta' Novembru 1998 li giet annessa mac-citazzjoni.

Da parti taghha s-socjeta' konvenuta eccipiet l-attrici trid tipprova li bhala l-mandatarja tas-socjeta' estera hi qed tirrappresenta lill-istess socjeta estera. Fil-meritu eccipiet li m'ghandha taghti xejn lis-socjeta attriċi u ghall-kuntrarju hi s-socjeta estera li ghandha taghti lilha.

**Fatti**

Jirrizulta li s-soċjetà attriċi u dik konvenuta kellhom bejniethom relazzjoni ta' negozju. F'Diċembru 1990, is-soċjetà konvenuta xtrat mingħand is-soċjetà attriċi "anchor bolts" għas-somma ta' DM8030. Is-soċjetà konvenuta tallega illi skond il-ftehim mas-soċjetà attriċi, il-"freight" kellu jkun inkluz fil-prezz u ghalhekk il-prezz komplessiv kellu jkun ta' DM10,300.

Fi Frar 1991 is-socjeta konvenuta ffirmat kambjala għall-imsemmija somma ta' DM10,300 b'relazzjoni ghall-prezz tal-imsemmija "anchor bolts" bl-intiża, skond is-socjeta' konvenuta, li l-"freight" kien inkluz fl-imsemmija somma.

Ġara illi meta l-"bolts" waslu Malta, is-soċjetà konvenuta sabet illi l-"freight" ma kienx imhallas minn barra u kellha tħallas għalih is-soċjetà konvenuta. Ix-xhud Maurice Vassallo xehed illi dan il-kont tela għal ċirca Lm400 sa Lm450. Maurice Vassallo ippreżenta dokument XX3 (fol.44) illi, skond l-istess xhud, jindika li l-"freight" tħallas mis-soċjetà konvenuta, mhux kif hemm indikat fid-Dokument XX1 (fol.42). Dan ix-xhud jagħmel referenza għal invoice numru 1274 fejn hemm ammont imniżżel ta'

DM2158 dovuti għall-freight tal-merkanzija in kwistjoni illi tħallsu lil trasportatur tal-istess merkanzija u in effett f'dan ir-rigward sar ukoll protest gudizzjarju (fol.24).

**Konsiderazzjonijiet**

Fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni, l-attrici nomine ppresentat dokument (DH1 – fol.21), liema dokument hu prokura a favur tal-attrici u li permezz tagħha l-attriċi ġiet awtorizzata tirrapreżenta lis-soċjetà estera Dahlhaus Ltd. Kwindi gie ppruvat li l-attrici debitament qed tagixxi f'dawn il-proceduri ghan-nom u in rappresentanza tal-imsemmija socjeta' estera.

L-obbligazzjoni in kwestjoni tas-soċjetà konvenuta versu s-soċjetà attriċi tirriżulta mill-kambjala maħruġa fit-8 ta' Frar 1991 għall-ammont ta' DM10300. Din il-kambjala ġiet iffirmata u aċċettata mis-socjeta' konvenuta Medcast Foundry Limited favur is-socjeta' estera Dahlhaus.

Fl-ewwel lok is-soċjetà konvenuta tippretendi li m'għandha tagħti xejn lis-soċjetà attriċi. Fis-sentenza taghha l-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Mejju 2001 fil-kawza fl-ismijiet "Avukat Dottor Henry sive Eric Mamo nomine vs Joseph Muscat" taghmel referenza ghal dak li jghid il-Professur Felice Cremona, li in effett jsegwi d-duttrina legali insenjata mill-Vivante u jghid "the moment a person signs the Bill of Exchange, whether as drawee, endorser or giver of an aval, or otherwise, the obligation arising from that signature is considered complete in itself. It acquires a juridical existence which is considered separate, distinct and independent from the original and fundamental contract entered into between the parties concerned. The law identifies the obligation created or evidenced by the Bill with the signature placed thereon" (vide "Peter Azzopardi nomine vs. Raymond Camilleri" deciza minn din il-Qorti fit-2 ta' Awissu 1994).

Kwindi fil-mument meta s-soċjetà konvenuta ffirmat il-kambjala, inħolqot l-obbligazzjoni versu s-soċjetà attriċi għall-ammont ta' DM10,300. Il-kambjala hu dokument li l-liġi tagħtih saħħa tremenda ta' titolu għall-portatur li f'kull

ħin appena jimmatura jista' jiġi msarraf. Fil-kawża odjerna, is-soċjetà konvenuta qiegħda teċepixxi l-pagament permezz ta' tliet modi, u ċioe ħlas tal-freight relattiv ghall-merkanzija in kwestjoni, hlas permezz ta' "bank draft" u merkanzija li s-socjeta attrici akkwistat minnghand is-socjeta konvenuta. Sabiex tirnexxi din l-eċċezzjoni, is-soċjeta konvenuta trid tipprova li sar pagament li qatel din l-imsemmija obbligazzjoni. Il-kambjala in kwestjoni għadha fil-pussess tas-soċjetà attriċi (vide affidavit ta' Monika Dahlhass – fol.70). Dan il-fatt ma ġiex kontestat mis-soċjetà konvenuta, nonostante li l-kambjala ma ġietx esebita.

Fir-rigward ta' jekk sarx pagament, is-soċjetà konvenuta tgħid illi s-soċjetà attriċi kelha tnaqqas l-ammont ta' freight allegatament imħallas mis-soċjetà konvenuta mill-ammont tal-kambjala, pero is-soċjetà attriċi ma għamlitx dan. Hawnhekk issir riferenza għal dokument XX1 (fol.42) illi jistipula illi "payment CAD, delivery CIF all costs, freight, insurance." Inoltre s-soċjetà konvenuta esebiet (a fol.44) dokument XX 3 u tistrieħ fuqu sabiex tipprova illi hija ħallset il-freight u charges oħra. Għalkemm ma hemmx dubbju illi l-pagament huwa CIF ghandu jinghad li l-imsemmi dokument a fol.44 ċertament mhuwiex irċevuta u fil-fatt lanqas ma jgħid li huwa irċevuta. Kwindi hawn ma saritx prova ta' ħlas ta' freight da parti tas-socjeta' konvenuta, kif tallega l-istess soċjetà konvenuta.

Is-soċjetà konvenuta tgħid ukoll illi hija ħallset għall-merkanzija suġġett ta' din il-kawża in parti permezz ta' "bank draft" maghrug mill-Bank of Valletta fl-ammont ta' DM4200 (kif hemm indikat fuq l-istatement a fol.18) Is-socjeta' konvenuta tallega li id-draft intbagħat fl-14 ta' Jannar, 1992, u gie esibit bħala dokument XX2 (fol.43). Jibda sabiex jiġi osservat illi d-dokument esibit mhux bank draft. Id-dokument esibit igib id-data 7 ta' Mejju 1993 u inħareġ lil "M. Vassallo Trading" u li jitkellem dwar pagament ta' DM4200 lis-socjeta' estera Dalhauss liema pagament sar fit-13 ta' Frar 1991 Permezz tal-istess dokument l-Bank of Valletta qiegħed ukoll jitlob li jintbghatu ċertu formola debitament kompilata. Ix-xhud Martin Mangion (vide fol.8) għar-rigward ta dan id-

dokument xehed illi fl-opinjoni tiegħu dan jindika li s-somma ta' DM4200 tħallset mis-soċjeta konvenuta lis-soċjetà attriċi. Pero' ghandu jiġi osservat illi ċertament ma jistax jigi konkluz li dan id-dokument jista' jissarraf fi prova illi sar ħlas ta' DM4200 ghar-rigward tal-merkanzija in kwestjoni. Dan qiegħed jingħad peress illi kien hemm rapport ta' negozju (speci ta' kont kurrenti) bejn is-soċjetà attriċi u s-soċjetà konvenuta u kwindi lanqas huwa ċar dwar liema konsenja jirreferi dan id-dokument.

Gie ukoll allegat mis-soċjetà konvenuta illi l-kumplament tal-prezz ghar-rigward tal-"anchor bolts" in kwestjoni thallas permezz ta' xoghol ta' "castings" mibgħuta lis-soċjetà attrici mis-socjeta' konvenuta. Fi kliem iehor is-soċjeta konvenuta qed tghid li parti mill-ħlas sar permezz ta' xogħol illi ntbagħat minnha lis-soċjetà attriċi. Għal darba oħra jingħad illi s-soċjetà konvenuta naqset li tipproduci provi sufficjenti dwar dan.

Is-soċjetà konvenuta ma esibitx ricevuti li tipprova li sar il-pagament tas-somma in kwestjoni u ma saret ebda prova ohra li l-ammont in kwestjoni thallas. Kwindi, ma jirriżultax ippruvat dak li qed tallega s-soċjetà konvenuta u ċioe' illi l-bilanċ fuq il-kambjala tħallas permezz ta' merċa mibghuta lis-socjeta' attrici, permezz ta' "bank draft" kif ukoll meta hi hallset il-"freight" relattiv ghall-merkanzija in kwestjoni.

Is-socjeta' konvenuta, fit-tieni parti tat-tieni eċċezzjoni, issostni li hi s-soċjeta attriċi li hi debitrici tas-soċjetà konvenuta u mhux vice-versa. Hu minnu dak li tissottometti s-socjeta' attrici li s-soċjeta konvenuta kella taghmel f'dan ir-rigward kontro talba, pero' jista ukoll jinghad li minn imkien ma jirriżulta illi s-soċjetà attriċi hi effettivament debitriċi tas-soċjetà konvenuta. Kwindi peress li hemm kambjala għall-valur ta' DM10300 a favur tas-socjeta attrici u peress li ma saret ebda prova suffiċjenti mis-soċjetà konvenuta illi dan l-ammont m'għadux dovut, l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta f'dan ir-rigward għandhom jiġu miċħuda. Fil-mument meta s-soċjetà konvenuta iffirmat il-kambjala, inħolqot l-obbligazzjoni versu s-soċjetà attriċi għall-ammont ta'

DM10300 u din is-somma ghandha tithallas lis-socjeta' attrici mis-soċjetà konvenuta.

Jigi rilevat li t-talba tas-soċjetà attriċi pero' hi għas-somma ta' DM15,000. Is-soċjetà konvenuta, f'dan ir-rigward tissottometti li qatt ma kien hemm xi ftehim fuq l-imsemmi ammont ta' DM15000, li s-socjeta' attrici qed titlob permezz ta' din ic-citazzjoni. Fil-fatt id-dokument DH4 (fol.26) ċertament m'ghandux jitqies li hu ammissjoni ta' kreditu favur is-socjeta' attrici ammontanti ghall-imsemmija somma ta' DM15000. Ghalhekk jista jinghad li hu minnu dak li qed tissottometti s-soċjetà konvenuta f'dan ir-rigward. Inoltre minn imkien ma jirriżulta xi ftehim espress dwar l-imsemmija somma ta' DM15000. Ghalhekk jirrizulta li hu dovut l-ammont ta' DM10300 u mhux l-ammont mitlub ta' DM15000 u l-imsemmi ammont ta' DM10300 hu dovut bl-imgħaxijiet skond l-artikolu 1141(1) tal-Kap.16 u cioe' l-imghaxxijiet legali huma dovuti minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esgwita.

Għal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici limitatament ghas-somma ta' DM10300 u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas li socjeta' attrici l-imsemmija sommsa ta' DM10300 ekwivalenti ghas-somma ta hamest elef mitejn u sitta u sittin euro (€5,266) u dana bl-imgħaxijiet kollha legali mid-data tal-iskadenza tal-kambjala in kwestjoni.

Spejjeż kollha kwantu ghal seba partijiet minn tmienja (7/8) jithallsu mis-socjeta konvenuta u kwantu ghal rimanenti parti wahda minn tmienja (1/8) jithallsu mis-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------